**31 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Emmanuele Muscat

*versus*

Carmelo Magro ne.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Mara.**

*Ir-raġel, ossija l-komunjoni tal-akkwisti, jibqa' azzjonabbli anki wara x-xolji ment tal-komunjoni għall-intier relattivament għad-debitu li sar fil-kors tal-komunjoni; salva l-likwidazzjoni tar-rapporti ta' kreditu u debitu fir-relazzjonijiet interni bejn l-interessi fil-komunjoni tal-akkwisti. Għaldaqstant, jekk wara l-mewt tar-raġel il-kreditur jaġixxi biss kontra l-eredità ġjaċenti tar-raġel, il-mara ta' dan ma tistgħax tippretendi illi, għax il-komunjoni tal-akkwisti spiċċat bil-mewt ta' żewġha, hija kien imissha ġiet imħarrka wkoll f'isimha proprju għal sehemha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenuta, fil-kwalità tagħha premessa, tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £65 dovuta lill-attur bħala bilanċ minn £145, prezz ta' xogħol ta' injam (aperturi) li b'inkariku u fl-interess tal-mejjet Nicola Magro l-attur għamel fil-fond numru 25 (jew 26) Trieq San Mattew, il-Qrendi; bl-imgħaxijiet legali middata li tiffissa din il-Qorti, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuta opponiet illi hija mhix fil-fatt eredi ta' żewġha Nicola Magro, u illi ċ-ċitazzjoni hija ntempestiva, peress illi x-xogħol indikat fiċ-ċitazzjoni għad mhux kollu lest; u li l-minuri Mario, Maria u Matteo, aħwa Magro, se maj, mhumiex responsabbli għas-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni, stante li l-fond jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha eċċepiet ulterjorment illi, stante li għadha ma saretx id-diviżjoni, u d-debitu jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, il-lum xjolta bil-mewt ta' żewġha, hija kien imissha ġiet imħarrka f'isimha proprju wkoll għal sehemha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Kif jidher mil-fol. 19 u 22, il-konvenuta rrinunzjat għall-eċċezzjonijiet tagħha ħlief għal dik tal-intempestività tal-azzjoni;

Il-partijiet jaqblu li l-attur kien ġie nkarigat minn Nicola Magro, il-lum mejjet, biex jagħmel xogħol ta' injam fil-fond nru. 25 Trieq San Mattew, Qrendi, li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn Nicola Magro u martu l-konvenuta......;

Ikkunsidrat;

Kif irriteniet dil-Qorti fil-kawża "Mifsud vs. Farrugia" fid-19 ta' Ottubru 1953 (Vol. XXIX-II-690), ir-raġel ossija l-komunjoni tal-akkwisti, jibqa' azzjonabbli anki wara x-xoljiment tal-komunjoni għall-intier relattivament għad-debitu li sar fil-kors tal-komunjoni, salva l-likwidazzjoni tar-rapporti ta' kreditu u debitu fir-relazzjonijiet interni bejn l-interessati fil-komunjoni tal-akkwisti;

Matul il-mori tal-kawża l-art tal-fond ġiet iċċangata ......, u fl-istess mori mil-attur tħallas akkont tal-£65 fis-somma ta' £50......;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-attur lesta x-xogħol qabel iċ-ċitazzjoni ħlief għal parti żgħira ferm... Peress li matul il-kawża dan ix-xogħol sar, u l-attur seta' jiffinalizza l-inkarigu, id-domanda tiegħu hija sostenibbli in forza tal-"jus superveniens";

*Omissis;*

*Għalhekk;*

Tiċħad bl-ispejjeż kontra l-eċċipjenti l-eċċezzjoni tal-intempestività tal-azzjoni; u, fil-waqt li ma tieħux konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra stante rinunzja, tilqa' t-talba tal-attur limitatament għall-bilanċ dovut ta' £15; salvi r-rapporti interni bejn l-interessati fil-komunjoni tal-akkwisti bejn Nicola Magro u martu Carmela Magro. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nomine.